MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 163/2021 LM

**Nikola Kovacevic**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Identity Malta Agency**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Identity Malta Agency**, hawnhekk 'l-appellanta', minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, (minn issa 'l quddiem 'il-Bord'), tat-3 ta' Diċembru, 2021 (minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata') li permezz tagħha l-Bord laqa' l-appell tar-rikorrent **Nikola Kovacevic**, hawnhekk 'l-appellant'. L-intimata spjegat li

meta rċeviet l-applikazzjoni tar-rikorrent, hija kienet ġiet infurmata mill-Pulizija li l-applikazzjoni tiegħu għandha tiġi rifjutata għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika u ta' ordni pubblika. L-intimata qalet li hija qatt ma ġiet infurmata bl-appell li r-rikorrent ressaq quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, u għalhekk kienet prekluża milli tippreżenta r-risposta u l-pożizzjoni tagħha quddiem il-Bord. Qalet li minkejja dan, il-Bord iddeċieda li għandu jirrevoka d-deċiżjoni tagħha, mingħajr ma sema' xhieda, u wara li għamel biss riċerka *online* dwar jekk ir-rikorrent kellux xi sentenza ta' natura kriminali fil-konfront tiegħu.

**Fatti**

2. Fit-23 t'Awwissu, 2021, ir-rikorrent kien ġie infurmat mill-intimata li l-applikazzjoni tiegħu tas-16 t'Awwissu, 2021 għal *Single Permit* ma kinitx sejra tiġi milqugħha għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika u ordni pubblika. Ir-rikorrent ġie infurmat ukoll li sakemm ma kellux xi awtorizzazzjoni oħra li permezz tagħha seta' jibqa' f'Malta, huwa kellu jħalli Malta fi żmien għaxart ijiem mid-data tal-ittra. Permezz ta' din l-ittra, ir-rikorrent ġie infurmat ukoll li huwa kellu dritt jappella mid-deċiżjoni tal-intimata.

3. Ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni fil-25 t'Awwissu, 2021. Minn dak li ngħad mill-intimata fir-rikors tal-appell li sar minnha quddiem din il-Qorti, hija ma ġietx notifikata bir-rikors tal-appell tar-rikorrent, u għalhekk hija ma pparteċipatx fil-proċedura tal-appell li saret quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni.

## Id-Deċiżjoni Appellata

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-3 ta' Diċembru, 2021, il-Bord iddeċieda li d-deċiżjoni tal-intimata Identity Malta Agency għandha tiġi revokata, u laqa' l-appell tar-rikorrenti, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"1.* ***Preliminary***

*The Board:*

*Saw that in virtue of a decision dated 23rd August, 2021, Identity Malta Agency stated that the relative application for a Single Permit had been rejected for the following reason: "...* on grounds of public policy and public security".

*Saw that an appeal was registered on 26th August, 2021; and*

*Saw that no reply from Identity Malta Agency was found in the file.*

*2.* ***Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal* ***Edwin Zarb et vs. Gilbert Spiteri et*** *(decided on 6th February, 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Board noted that the Agency's decision was addressed not to the appellant but to the prospective employer (Kerber Securities Limited – Block A, Flat 7, Oxford Court, Triq Achille Ferris, Msida). This is in clear violation of Regulation 15 of S.L. 217.17, which requires decisions to be served on the applicant personally. In view of this, no appeal filed by the appellant can possibly be* fuori termine.

*The Board saw that in its decision, the Agency did not describe how or why the appellant was deemed a threat to public policy and public security. Furthermore, as the Agency seems to have filed no reply, this question remains unanswered.*

*The Agency did not explain what public policy or public security concerns motivated its decision. The Board cannot blindly adopt the Agency's conclusions or the conclusions sent to the Agency by stakeholders. As the Court of Appeal held in* ***Istok Lazarevic vs. Id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza*** *(decided on 11th February, 2019), the executive branch must state why the appellant poses a threat to public policy and public security and not simply claim that he is a threat.*

*For the sake of completeness, the Board notes that in line with the judgment of the Court of Appeal* ***Fabio Vespa vs. Id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati****, it carried out an online search and found no judgments of a criminal nature against the appellant which were available via the online database maintained by the administration of the Courts of Justice.*

***3. Decision***

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta and of S.L. 217.17, the Board revokes the Agency's decision and accepts the appellant's appeal.*

*The Board orders that this decision be served on the parties without delay."*

## L-Appell

5. L-appellanta ressqet l-appell tagħha mid-deċiżjoni appellata fid-29 ta' Diċembru, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti tirrevoka u tħassar id-deċiżjoni appellata tat-3 ta' Diċembru, 2021, u tordna lill-Bord jieħu deċiżjoni mill-ġdid skont il-konsiderazzjonijiet magħmula minn din il-Qorti, u bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

6. L-appellanta spjegat li fis-17 t'Awwissu, 2021 l-appellat ippreżenta quddiemha applikazzjoni għal Permess Uniku fir-rigward ta' Residenza u Xogħol. Spjegat li wara li rċeviet l-applikazzjoni tal-appellant, beda proċess ta'

konsultazzjoni interna mal-awtoritajiet konċernati abbażi tal-artikolu 12 tal-Liġi Sussidjarja 217.17, u qalet li fost l-awtoritajiet konċernati li rċeviet informazzjoni mingħandhom, kien hemm is-sistema *online* tal-Pulizija, li indikaw li l-applikazzjoni għandha tiġi miċħuda għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika u ordni pubblika. Qalet li fit-18 ta' Marzu, 2021, hija bagħtet id-deċiżjoni tagħha lill-applikant, fejn infurmatu li l-applikazzjoni tiegħu kienet qegħda tiġi miċħuda *"on grounds of public policy and public security".* Qalet ukoll li minkejja li l-applikant appella minn din id-deċiżjoni quddiem il-Bord, hija baqgħet qatt ma ġiet notifikata b'dan l-appell, u għalhekk kienet prekluża milli tippreżenta r-risposta tagħha. Qalet li l-Bord, mingħajr risposta tagħha, mingħajr ma sema' xhieda, u wara li għamel biss riċerka *online,* iddeċieda billi ta raġun lill-appellat. L-appellanta qalet li hija ħassitha aggravata b'din id-deċiżjoni, li ġiet notifikata biha permezz ta' ittra elettronika tal-20 ta' Diċembru, 2021. Qalet li din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni tisma' dan l-appell *ai termini* tal-artikolu 25A(5) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217).

7. Fl-ewwel aggravju tagħha, l-appellanta tgħid li hija qatt ma ġiet notifikata bl-appell quddiem il-Bord, u għalhekk ma setgħetx iddaħħal risposta, u għalhekk ma tistax tifhem għal liema raġuni l-Bord ikkonsidra li hija baqgħet ma ressqitx sottomissjonijiet, meta għandu jirriżulta li hija ma kinitx ġiet notifikata bl-appell tar-rikorrent. Qalet li huwa l-Bord stess li jissottolinja l-prinċipju tal-*equality of arms ai termini* tal-artikolu 3(2) tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta, u qalet li dan il-prinċipju jrid mhux biss jiġi sottolinejat, iżda wkoll imħaddem kif inhu xieraq. Qalet li f'dan is-sens il-Bord kien iħaddem il-prinċipju tal-*equality of arms* biss li kieku ordna li hija tiġi notifikata bir-rikors tal-appellat u

sussegwentement ħa konjizzjoni tar-risposta tagħha sabiex jasal għal deċiżjoni tiegħu. Qalet li fil-każ odjern il-Bord qies biss is-sottomissjonijiet tal-appellat, u dan mhux minħabba xi nuqqas tagħha, iżda minħabba nuqqas tal-Bord li ma żgurax li hija tiġi notifikata bir-rikors tal-appellat. Qalet li dan in-nuqqas tal-Bord irrenda d-deċiżjoni mogħtija mill-Bord nulla, għaliex il-prinċipju tal-*audi alteram partem* jitlob li enti ġudikanti tisma' liż-żewġt iqniepen qabel tiddeċiedi l-vertenza li jkollha quddiemha. Qalet li dan il-prinċipju jiġi rispettat biss f'każ li din il-Qorti tannulla d-deċiżjoni tal-Bord, u tibgħat l-atti lura sabiex l-istess Bord jerġa' jiddeċiedi dwar il-każ.

8. Fit-tieni aggravju tagħha, l-appellanta tgħid li fil-każ odjern il-Bord għamel riferiment għall-fatt li hija naqset milli tispjega x'inhuma l-kwistjonijiet ta' ordni pubblika jew sigurtà pubblika, li huma ta' tħassib biżżejjed li wasslu biex l-applikazzjoni tal-appellat tiġi rifjutata minnha. Qalet li l-Bord għamel analoġija żbaljata meta kkwota l-appell fl-ismijiet **Istok Lazarevic vs. id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza**, għaliex f'dak l-appell partikolari l-Bord kien sema' x-xhieda ta' Supretendent tal-Pulizija dwar jekk l-applikant kienx fil-fatt ta' theddida għall-pajjiż. L-appellanta qalet li f'dak il-każ, il-Bord qagħad fuq ix-xhieda li sema' u mhux fuq ir-raġuni mogħtija mill-appellanta għar-rifjut. L-appellanta qalet li l-Bord fid-deċiżjoni appellata ħallat il-kunċett tal-motivazzjoni tar-raġuni amministrattiva, mal-kunċett tal-oneru u l-piż tal-prova. Qalet li huwa minnu li jeżisti l-prinċipju tad-*duty to give reasons* wara deċiżjoni amministrattiva, iżda dan ma jfissirx li r-raġuni trid tingħata f'ħafna dettall. Qalet li d-deċiżjoni tal-appellanta ma kinitx tgħid biss li l-applikazzjoni ġiet miċħuda, u waqfet hemm, iżda r-raġuni ngħatat b'tali mod li l-applikant seta'

jappella minnha, kif fil-fatt għamel. L-appellanta qalet ukoll li l-Bord kellu wkoll kull opportunità li jekk ma kellux il-fatti kollha quddiemu, seta' jisma' x-xhieda tal-Pulizija, u staqsiet kif il-Bord seta' jasal għall-konklużjoni tiegħu li d-deċiżjoni tal-appellanta mhijiex waħda raġonevoli, meta dan lanqas xhieda ma sema'. L-appellanta qalet li l-unika tfittxija li għamel il-Bord kienet tfittxija *online* ta' sentenzi kriminali kontra l-intimat, u meta l-Bord ma sab l-ebda sentenza kriminali finali *online,* injora għal kollox id-deċiżjoni tal-appellanta li ma jingħatax is-*single permit*. L-appellanta qalet li l-fatt li ma nstabet l-ebda sentenza kriminali fil-konfront tal- intimat ma jfissirx li m'hemmx *alerts* internazzjonali, u investigazzjonijiet jew proċeduri oħra pendenti fil-konfront tiegħu. L-appellanta qalet li għandu jirriżulta li l-Bord injora l-prinċipju tal-ġustizzja naturali, għaliex ma tax opportunità lill-Eżekuttiv jispjega d-deċiżjoni tiegħu, bil-konsegwenza li fil-prattika injora għal kollox ir-rakkomandazzjoni tal-Pulizija u ordna lill-Aġenzija toħroġ permess lill-intimat. L-appellanta qalet li l-konsegwenzi ta' din id-deċiżjoni jistgħu jkunu drastiċi meta wieħed jikkonsidra li l-Bord iddeċieda li joħroġ permess lill-appellat, meta l-Pulizija kienu tal-fehma li dan jista' jkun ta' periklu għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà pubblika. Qalet li kien ikun mod ieħor li kieku l-Bord wasal għall-konklużjoni li l-motivazzjoni tal-Pulizija mhix konvinċenti wara li sema' lill-Pulizija. In vista ta' dawn l-aggravji, l-appellanta talbet lil din il-Qorti tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem il-Bord sabiex dan jisma' x-xhieda tal-Pulizija, u kwalsiasi xhieda oħra rilevanti, u l-Bord ikun jista' jieħu deċiżjoni motivata wara li jikkonsidra l-provi kollha miġjuba quddiemu.

9. Flimkien mar-rikors tal-appell tagħha, fid-29 ta' Diċembru, 2021 l-appellanta ppreżentat ukoll rikors fejn talbet li tiġi awtorizzata tippreżenta xi xhieda quddiem din il-Qorti. Ix-xhieda indikati minn Identity Malta Agency kienu rappreżentant tagħha, u rappreżentant tal-Pulizija li kellu jixhed dwar in-*non-recommendation* li ngħatat. Il-Qorti awtorizzat is-smigħ ta' din ix-xhieda, u fil-fatt fis-seduta tas-6 t'April, 2022 il-Qorti semgħet ix-xhieda ta' Dr Chanelle Bantick rappreżentanta tal-appellanta, li kkonfermat li l-appellanta ma ġietx notifikata bil-proċedura quddiem il-Bord, u li kien għalhekk li l-appellanta baqgħet ma ppreżentat l-ebda risposta għall-appell intavolat mill-appellat quddiem il-Bord. Il-Qorti iżda tosserva li minkejja li tat il-fakultà lill-appellanta ttella' xhud mill-Pulizija sabiex dan jagħti r-raġunijiet wara n-*non-recommendation,* tali xhud baqa' ma ġiex prodott, u għalhekk ir-raġunijiet wara n-*non-recommendation* baqgħu ma ġewx magħrufa.

10. L-appellat ma ressaq l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tal-Aġenzija appellanta. Madanakollu, fl-ewwel dehra quddiem din il-Qorti, l-avukat difensur tal-appellat talab li jagħmel nota ta' sottomissjonijiet in vista tal-fatt li l-klijent tiegħu ma kienx ippreżenta risposta għar-rikors tal-appell. F'din in-nota ta' sottomissjonijiet l-appellat għamel riferiment għall-fatt li l-appell tal-appellanta ġie intavolat fid-29 ta' Diċembru, 2021, u dan fir-rigward ta' deċiżjoni li ngħatat mill-Bord fit-3 ta' Diċembru, 2021. L-appellat qal li skont l-artikolu 25A (8) tal-Kap. 217, deċiżjonijiet tal-Bord għandhom ikunu finali ħlief fir-rigward ta' punti ta' dritt, li minnhom jista' jkun hemm appell fi żmien għaxart ijiem quddiem din il-Qorti. L-appellat qal li l-appellanta ppreżentat *email* mibgħuta minn ċerta Anabel Cortis fl-20 ta' Diċembru, 2021, li

testwalment taqra "*Kindly find attached new decisions to be given out on 3rd December, 2021 ...".* L-appellat qal li hu ferm stramb kif l-Awtorità appellanta ġiet notifikata bid-deċiżjoni fl-20 ta' Diċembru, 2021, iżda fl-istess korrispondenza hemm indikat li d-deċiżjonijiet in kwistjoni kienu għadhom ser jingħataw fit-3 ta' Diċembru, 2021. Qal li dan ma jikkostitwixxix l-aqwa evidenza li setgħet iġġib l-appellanta dwar id-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-appell, u għalhekk għandu jirriżulta li l-appell intavolat minnha huwa *fuori termine.*

11. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellanta, l-appellat qal li huwa pertinenti li l-Bord fid-deċiżjoni tiegħu qal li meta ġie intavolat l-appell, il-partijiet intalbu jissottomettu d-dokumentazzjoni kollha tagħhom fi żmien ħmistax-il ġurnata. Qal li huwa prinċipju bażilari fi proċeduri ġudizzjarji li kull min jallega fatt għandu jippruvah, u kulħadd għandu jressaq l-aħjar prova li jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu. Kompla jgħid li ladarba kienet l-appellanta li qajmet dan l-aggravju, kien jinkombi fuqha li ġġib provi u evidenza suffiċjenti li kien hemm nuqqas da parti tal-Bord li jinnotifika lill-istess appellanta. L-appellat żied jgħid li fl-iter tal-proċeduri ma tressqet l-ebda prova konkreta dwar in-nuqqas ta' notifika, u għalhekk l-appellanta qegħda tistrieħ fuq l-allegazzjoni magħmula minnha stess mingħajr ebda bażi.

12. L-appellat qal li in sostenn tat-tieni aggravju tagħha, l-appellanta ressqet dokument b'informazzjoni tas-sistema *online* tal-Pulizija, li tindika li għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika u ordni pubblika, l-applikazzjoni għandha tiġi miċħuda. Qal li l-appellanta ħarrket ukoll rappreżentant tal-Pulizija sabiex jispjega r-raġuni wara n-*non-recommendation,* u rappreżentant tal-Identity

Malta Agency sabiex jikkonferma l-fatti esposti fir-rikors tal-appell. Huwa għamel riferiment għall-fatt li r-rappreżentanta tal-appellanta telgħet tixhed fl-udjenza tas-6 ta' April, 2022, u din ikkonfermat li l-appellanta ma ġietx notifikata bil-proċeduri quddiem il-Bord, filwaqt li jirriżulta li l-uffiċjal tal-Pulizija ma telgħax jixhed. Qal li f'dan l-istadju, din hija Qorti ta' reviżjoni u għalhekk ma tista' tinġieb l-ebda prova u xhieda ġdida għajr għal dik prodotta fl-ewwel grad. L-appellat qal li biex l-appellanta setgħet iġġib dokumenti ġodda quddiem din il-Qorti, din kellha tipprova bil-ġurament li hija ma setgħetx, bil-mezzi li tagħti l-liġi, iġġibhom fiż-żmien li jmiss, u sabiex setgħet tħarrek xhieda li ma nġabux fl-ewwel grad, l-appellanta kellha tipprova bil-ġurament li hija ma setgħetx, bil-mezzi li tagħti l-liġi, tipproduċi dawk ix-xhieda quddiem il-Bord. L-appellat qal li f'kull każ ma nġabet l-ebda prova suffiċjenti li turi b'mod ċar li l-appellanta ma ġietx debitament notifikata bl-appell quddiem il-Bord, u għalhekk id-dokumenti ppreżentati u x-xhieda miġjuba mill-appellanta f'dan l-istadju, għandhom jiġu skartati mill-Qorti.

13. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellanta, l-appellat qal li minkejja li huwa minnu li punti li jirrigwardaw prinċipji ta' ġustizzja naturali huma punti ta' dritt, l-appellanta ippruvat tqajjem tali punti sabiex targumenta li d-deċiżjoni tagħha fir-rigward tar-rifjut tas-*single work permit* kienet waħda bbażata fuq *non-recommendation* tal-Pulizija, liema argument huwa punt ta' fatt, li dwaru m'hemm l-ebda dritt ta' appell.

14. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, l-appellanta spjegat li l-kopja tal-*email* mibgħuta minn uffiċjal addett mal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni lir-rappreżentanti tal-appellanta, hija vera kopja ta' *email* li ntbagħtet fl-20 ta'

Diċembru, 2022, u għalhekk m'għandux jintefa' dubju dwar jekk din hijiex l-aqwa evidenza li setgħet tiġi ppreżentata mill-appellanta. Żiedet tgħid li f'każ li l-appellata kellha xi dubju dwar il-kliem użat fl-imsemmija email, din setgħet titlob li jitla' jixhed xi ħadd mill-Bord, u mhux jintefa' dubju fuq vera kopja ta' ittra elettronika minħabba l-kliem użat fiha. L-appellanta qalet ukoll li hija talbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex tipproduċi evidenza għaliex hija ma ġietx notifikata bl-appell quddiem il-Bord, u għalhekk ma ressqet l-ebda risposta u/jew evidenza quddiem il-Bord. Qalet ukoll li hija min-naħa tagħha ma setgħet tippreżenta l-ebda evidenza quddiem il-Bord għaliex hija qatt ma ġiet notifikata bl-appell li sar mill-appellant, u l-prova dwar in-nuqqas ta' notifika setgħet titressaq minnha biss f'dan l-istadju.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

15. Qabel tidħol fil-mertu tal-aggravji mressqa mill-appellanta, il-Qorti tagħmel riferiment għal punt li tqajjem mill-appellat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, dwar il-fatt li l-appell tal-appellanta sar *fuori termine.* L-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula li appelli minn deċiżjonijiet tal-Bord għandhom jiġu intavolati quddiem din il-Qorti fi żmien għaxart ijiem. Il-Qorti tirrileva li d-deċiżjoni tal-Bord ingħatat fit-3 ta' Diċembru, 2021, u l-appell tal-appellanta ġie ppreżentat fid-29 ta' Diċembru, 2021, jiġifieri ben oltre t-terminu stipulat fil-liġi sabiex jiġu ppreżentati appelli bħal dawn.

16. Il-Qorti tqis li mill-atti tal-Bord, jirriżulta li fuq id-deċiżjoni mogħtija mill-Bord fl-ismijiet premessi, hemm timbru li sar mill-Bord, li jgħid: "*Decision collected from*

*IAB on: 3 December, 2021*Dan it-timbru ma jindikax minn min ġiet irtirata l-kopja tad-deċiżjoni, imma huwa evidenti li fil-ġranet appuntati mill-Bord sabiex jingħataw id-deċiżjonijiet tiegħu, Identity Malta Agency tkun rappreżentata minn uffiċjal jew mill-avukat difensur tagħha, sabiex dan jirtira kopja tad-deċiżjonijiet li jingħataw, partikolarment meta wieħed iqis it-terminu qasir li fih iridu jsiru l-appelli. Kif irrilevat fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Anwar Shujaa *vs.* Identity Malta Agency**[1], il-Qorti ssibha diffiċli ferm temmen li aġenzija bħal m'hija Identity Malta, toqgħod tistenna li tiġi notifikata permezz ta' *email* bid-deċiżjonijiet dwar applikanti li ressqu l-applikazzjonijiet tagħhom quddiemha, u ma tiksibx kopji tad-deċiżjonijiet hekk kif jingħataw mill-Bord. Il-Qorti tirrileva li l-applikazzjonijiet bħal dik mertu ta' dawn il-proċeduri, min-natura tagħhom ser jaffettwaw drastikament il-ħajja tal-applikanti, u żgur li m'huwa fl-interess ta' ħadd, la tal-aġenziji governattivi involuti u lanqas tal-applikanti, li l-proċess jitwal aktar milli huwa meħtieġ, jew li l-appellanta ma tkunx mgħarrfa bl-aħħar deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet li jkollha quddiemha, fil-mument li dawn jingħataw.

17. Mill-atti tal-Bord jirriżulta li l-appellat qiegħed ifittex impjieg bħala uffiċjal tas-sigurtà ma' aġenzija li tipprovdi servizzi ta' sigurtà f'pajjiżna. Il-Qorti tqis li r-realtà soċjali li qed ngħixu fiha fil-preżent, titlob aktar speditezza u serjetà fl-ipproċessar ta' applikazzjonijiet bħal dawn, partikolarment fi żmien meta s-suq tax-xogħol qiegħed jiffaċċja diversi sfidi minħabba l-effetti devastanti tal-pandemija tal-Covid-19. Il-Qorti tqis li fil-każ odjern l-appellanta kienet tenuta li tippreżenta raġunijiet ferm aktar konkreti u dettaljati dwar ir-rifjut tal-applikazzjoni tal-appellat. Tqis ukoll li l-appellanta naqset li tikkonferma r-

[1] *Ibid.*

raġunijiet tagħha għar-rifjut permezz tax-xhieda ġuramentata tal-Pulizija, minkejja li ngħatat l-opportunità li tagħmel dan minn din il-Qorti. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tiddeċiedi li l-appell intavolat mill-appellanta huwa wieħed *fuori termine,* u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-aggravji miġjuba mill-appellanta fir-rikors tal-appell tagħha.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi tqis li hu irritu u null minħabba li ġie intavolat tardivament.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**